MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2006

Numru. 136/2006

PULIZIJA
SPETTUR MARTIN SAMMUT
VS
WALID EL SAID EL OSTAH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Walid El Said El Ostah, ta’ 23 sena, bin Said u Naima nee’ Shaban, imwieled fis-26 ta’ Jannar 1982 Tripoli, u residenti 48, Ronnie, Triq San Luqa, San Pawl il-Bahar, u detentur ta’ numru tal-passaport Libjan 694525, u akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-12 ta’ Frar 2006, f’xi hin bejn l-erbgha u l-hamsa ta’ filghodu, gewwa l-Bar maghruf bhala Going Places, sitwat fi Triq Dragonara, kantuniera ma’ Triq Ball, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:
(1) ikkommetta serq ta’ ‘handbag’, cwievet, telefon cellular ital-marka Motorola, ghad-dannu ta’ Lindsey Gambin, liema oggetti jiswew inqas minn mitt Lira

Maltin (Lm100), liema serq huwa aggravat bil-hin, u dan bi ksur tal-Artiklu 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(2) xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u dan bi ksur tal-Artiklu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U akkuzat aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi gewwa diversi toroq f’San Giljan:
(3) ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta’ PC 533 P.Sheehan, u PC 649 D.Decelis, inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artiklu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(4) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb kontra PC 533 P.Sheehan, u PC 649 D.Decelis, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti, u dan bi ksur tal-Artiklu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(5) ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ PC 533 P.Sheehan u PC 649 D.Decelis, persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor, u dan bi ksur tal-Artiklu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(6) ikkommetta ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Aaron Zammit, u dan bi ksur tal-Artiklu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(7) hebb kontra Aaron Zammit, sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara, u dan bi ksur tal-Artiklu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 6) u tal-imputat (a fol 7) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Mill-provi tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi kien insteraq ‘hand bag’ ta’ tfajla mill-‘club’ Going Places fil-lejl ta’ bejn il-11u t-12 ta’ Frar 2006. Lindsey Gambin, a fol 11 et seq, xehdet illi f’dak il-lejl, waqt li kienet fil-‘club’ indikat flimkien ma’ shabha, kienu ghamlu l-‘hand bags’ u hwejjighom kollha f’daqqa. Gambin xehdet li kienet giet persuna li qalilha li ragel kien hadilhom xi ‘hand bag’ minn fost hwejjighom. Ghaldaqstant, hija kienet ghamlet ir-rapport lill-Pulizija u hargu barra mill-hanut Going Places halli jaraw isibux lil din il-persuna li serqet il-‘hand bag’ li taghha huma kienu nghataw deskrizzjoni. Infatti, quddiem l-istabbiliment Coconut, kien hemm persuna li bdiet turi mazz cwievet lin-nies li kien maghhom u li ghalhekk, Lindsey Gambin flimkien ma’ shabha bdew jghajtu sabiex din il-persuna tirritorna l-‘hand bag’ u l-kontenut tieghu. Minflok, din il-persuna qabdet u telqet tigri. Il-persuna li hadet il-‘hand bag’ giet identifikata minn Lindsey Gambin bhala l-imputat prezenti fl-awla. Lindsey Gambin xehdet ukoll illi f’dan il-‘hand bag’ hija wkoll kellha ‘mobile’ tal-marka Motorola V220 li jiswa’ xi tmenin Lira Maltin (Lm80).

Spettur Martin Sammut, a fol 13, esebixxa bicca minn ‘mobile’ tal-marka Motorola, esebit MS, u certifikat mediku mahrug minn Dr Caruana rigwardanti Aaron Zammit, dokument MS1 a fol 17.

Lindsey Gambin, murija l- esebit MS, bicca mill-‘mobile’, gharfitha bhala parti mill-‘mobile’ taghha. Lindsey Gambin xehdet ukoll illi meta telaq jigri l-imputat, dan beda jitfa’ affarijiet li kienu kontenuti fil-‘hand bag’ mat-triq. Infatti, is-sett ta’ cwievet gew migbura minn Aaron Zammit li filfatt dak il-lejl kien telaq jigri wara l-imputat. Dan l-istess Aaron Zammit kien habib ta’ Lindsey Gambin u kien prezenti fil-

'club' Places dak il-lejl. Ma' Lindsey Gambin kien hemm ukoll Rose Marie Fava u tfajla ohra jisimha Graziella Spiteri. Iz-zewg 'clubs' Going Places u Coconut qeghdin sitwati f'Paceville. Lindsey Gambin, in kontro ezami, stqarret li hija effettivament ma ratx lill-imputat jisraq il-'hand bag'.

Spettur Martin Sammut, a fol 18, xehed illi huwa kien gie nfurmat li kienet sehhet serqa bejn il-11 u t-12 ta' Frar 2006 f'Paceville, fejn kien gie misruq 'hand bag' ta' tfajla mill-'club' Going Places u li sar ir-rapport minn Aaron Zammit, Lindsey Gambin, Graziella Spiteri u Rose Marie Fava. Dawn infurmaw lill-Pulizija li kien hemm terza persuna li hadet il-'hand bag' ta' Lindsey Gambin waqt li kienu fil-'club' Going Places, u li sussegwentement, meta hargu u kienu ghaddejjin minn fejn Coconut Grove, raw persuna li kienet qed titkellem ma' persuna ohra:

**'liema persuna jigifieri din l-ahhar persuna kienet infurmat lilhom li xi hadd kien serqilhom il-'hand bag', u lil din il-persuna nnutawha tikkonsenja xi cwievet u xi affarijiet ohra lil dan il-persuna, jigifieri li kien iltaqa' maghhom il-Going Places, u nfurmahom li xi hadd kien serqilhom il-'hand bag''. (ara xhieda a fol 18 u 19).**

Spettur Martin Sammut xehed illi ssejhet il-Pulizija minnufih u kemm il-Pulizija kif ukoll Aaron Zammit filfatt kienu grew wara l-imputat sakemm fl-ahhar gie ntercettat f'The Gardens. Mill-informazzjoni li ta Aaron Zammit lill-Ufficjal tal-Pulizija, jirrizulta illi l-imputat kien gie osservat jarmi xi oggetti li kienu fil-'hand bag' misruq, u cioe' zewg settijiet cwievet, wiehed ta' Aaron Zammit u iehor ta' Lindsey Gambin, xi 'cosmetics' ta' Lindsey Gambin kif ukoll il-'mobile'. Infatti, Aaron Zammit irnexxielu jigbor iz-zewg mazzi cwievet u bicca mill-'mobile'.

L-imputat, fl-istqarrija tieghu, xehed illi huwa kien mar Paceville flimkien ma' xi hbieb, certu Wazdi, u ma' Zijadi u Mohtir u f'hin minnhom, dan Zijad kien gie fuqu u tah xi cwievet. Dak il-hin gew xi tfajliet u l-Pulizija fid-direzzjoni tieghu. L-imputat xehed illi huwa kif ra lill-Pulizija gejjin fid-

direzzjoni tieghu harab jigri ghaliex huwa kellu problemi ghax kien f'Malta minghajr passaport. Huwa nnega li kien involut fis-serqa, u sostna li ma kienx jaf ghalfejn Zijadi kien ikkonsenjalu dawn ic-cwievet. Ghar-rigward tal-passaport, xehed illi huwa kien ilu hawn Malta minn Lulju tal-2005 u tilef il-passaport, u filfatt anke ghamel rapport l-ghassa tal-Pulizija tal-Belt. L-istqarrija tieghu giet esebita u mmarkata bhala dokument MS2.

Il-Pulizija talbu lill-imputat biex jaghti nformazzjoin ulterjuri dwar l-imsemmija Mohtir u Zijadi pero' l-imputat ma kienx jaf fejn joqoghdu u ma setax jaghti iktar dettalji taghhom lill-Pulizija.

Spettur Martin Sammut ikkonferma illi l-Pulizija PC 649 Decelis, PC 523 Sheehan, kif ukoll Aaron Zammit infurmawh illi l-imputat kien vjolenti u prova jhebb ghall-Pulizija, tant illi beda jxejjer bis-sieq u laqat lil PC 533.

In kontro ezami, Spettur Sammut ikkonferma li ma kienet saret ebda 'identification parade' sabiex jigi identifikat l-imputat. Spettur Martin Sammut spjega illi Aaron Zammit kif ukoll Lindsey Gambin kienu gharfu lill-imputat meta rawh l-ewwel darba jikkonsenja c-cwievet lil terza persuna, u minhabba l-fatt illi Aaron Zammit kien segwa u gera wara l-imputat flimkien mal-Pulizija. Sussegwentement, Spettur Martin Sammut xehed illi meta dan gie arrestat u mehud l-ghassa tal-Pulizija, kien hemm diga' prezenti Lindsey Gambin, Rose Marie u Aaron Zammit l-ghassa illi gharfu lill-imputat minnufih. Spettur Sammut kompla jghid illi kuntrarjament ghal dak li kien qed jallega l-imputat fl-istqarrija tieghu, Lindsey Gambin u Aaron Zammit kienu nfurmawh illi kien l-imputat li kien qed jipprova jikkonsenja c-cwievet lil terza persuna u mhux vice versa (ara xhieda a fol 21 tal-process).

A fol 28, Aaron Zammit xehed illi f'dak il-lejl, huwa flimkien ma' Lindsey, Rose Marie u Graziella kienu qeghdin gol-'club' Going Places f'Paceville, meta saru jafu illi kien insteraq il-'hand bag' ta' Lindsey u hargu barra fit-triq biex jaraw jekk jistghux jgharfu l-persuna li serqilhom il-'hand bag' u filfatt rawh hdejn il-'club' Coconut. Kif gie avvicinat

mit-tfajliet, raw lill-imputat bil-‘key chain’ tac-cwievet ta’ Lindsey (ara xhieda a fol 28).

Kif iz-zewg tfajliet Lindsey u Rose Marie avvicinaw lil din il-persuna li kellha c-cwievet f’idejha, dan harab jigri, u ghaldaqstant, sejjhu lill-Pulizija. Il-Pulizija u Aaron Zammit telqu jigru warajh. Aaron Zammit, a fol 29, xehed illi waqt li huwa kien qed jigri wara l-imputat, dan beda jarmi c-cwievet li kellu fil-‘hand bag’, fosthom ic-cavetta tal-karozza tieghu, ic-cwievet l-ohrajn u xi affarijiet ohra ta’ ‘make up’ tat-tfajliet. Zammit xehed illi huwa gabar ic-cwievet mit-triq. A fol 29, Zammit gharaf lill-imputat bhala l-persuna li warajh gera fid-data ndikata u li beda jarmi c-cwievet u l-affarijiet tal-‘make up’ ta’ Lindsey Gambin. Zammit kompla jixhed illi meta l-Pulizija filfatt lahquh u sakemm ma mmanettjaw lill-imputat, l-imputat beda jissara u li huwa (Zammit) spicca b’xi griehi hfief f’idejh (ara xhieda a fol 30).

Mitlub jghid dwar it-trapass ta’ zmien bejn is-serqa tal-‘hand bag’ u meta huwa l-mument li fih raw lill-imputat bic-cwievet ta’ Lindsey Gambin f’idejh, Aaron Zammit jghid illi kien hemm trapass ta’ ghaxar minuti. Aaron Zammit isostni illi mill-mument illi raw lill-imputat bic-cwievet ta’ Lindsey f’idejh, qatt ma gie nterrott l-‘eye contact’ bejnu u l-persuna ta’ l-imputat, u dan fil-hin kollu li huwa kien qed isegwi lill-istess imputat.

PS 547 Martin Agius, a fol 32 et seq, xehed illi huwa kien gie nfurmat minn certu Lindsey Gambin, fit-12 ta’ Frar 2006, illi persuna kienet serqitilha l-‘hand bag’ mill-‘club’ Going Places, f’Paceville, u ghaldaqstant, huwa kien infurmaha illi kellha taghmel rapport l-ghassa ta’ San Giljan. Waqt li kienu sejrin biex jaghmlu dan, Lindsey Gambin bdiet tghajjat illi hija rat lill-persuna illi kien hadilha l-‘hand bag’. Ghaldaqstant, PS 547 Agius flimkien ma’ PC 533 bdew jigru wara l-imputat, li gie identifikat fl-awla, sakemm ma gie arrestat fil-post indikat a fol 32. PC 533 Sheehan kien wegga’ minhabba li kien qala’ daqqa ta’ sieq minghand l-imputat. L-okkorrenza giet esebita u mmarkata bhala dokument PS li tinstab a fol 34-37.

PS Agius ikkonferma fl-okkorrenza illi waqt li kien qed jigi segwit, l-imputat gie osservat jarmi xi oggetti li kienu kontenuti fil-'hand bag' misruq ta' Lindsey Gambin. Filfatt gew rikoverati c-cwievet tad-dar u c-cwievet tal-karozza u parti mill-'plastic cover' tal-'mobile' li kien kontenut fl-istess 'hand bag' (ara xhieda a fol 37).

Graziella Spiteri, a fol 39 et seq, ikkonfermat ix-xhieda ta' Lindsey Gambin u Aaron Zammit, gharrfet lill-imputat bhala l-persuna illi **'il-hin kollu qaghad jizfen maghna'** waqt li kienu fil-'club' Going Places (ara xhieda a fol 40). Spiteri kkonfermat illi persuna kienet infurmathom illi xi hadd kien ghadu kemm serqilhom il-'hand bag' u tahom l-informazzjoni li dan x'aktarx ma kienx Malti u kien liebes flokk ahmar. Graziella Spiteri, a fol 42, xehdet illi kien facli hafna li jgharfu l-mazz cwievet ta' Lindsey Gambin ghaliex din kellha 'key chain' b'forma ta' huta li kienet mizbugha b''highlighter'. Graziella Spiteri, a fol 43, ikkonfermat illi hija kienet gharfet lill-imputat ghaliex hija kienet ratu jizfen hdejhom u dan ghal sighat twal, u li dak il-hin li ratu, huwa kien wahdu.

Rose Marie Fava, a fol 46 et seq, ikkonfermat ix-xhieda ta' Lindsey Gambin, Aaron Zammit u Graziella Spiteri, ikkonfermat kif hija u Graziella kienu marru fuq il-persuna tal-imputat u rawh icekcek il-'key chain' bic-cwievet ta' Lindsey, ikkonfermat li kienet gharfet din il-'key chain' ghaliex kumbinazzjoni dan kien rigal taghha u moghti lil Lindsey. Fava kkonfermat ukoll illi hija kienet gharfet lill-imputat meta l-Pulizija kienu gabuh l-ghassa ta' San Giljan waqt li huma kienu qed jaghmlu r-rapport.

Dr Anton Briffa, a fol 52, ikkonferma c-certifikat dokument MS4, u kklassifika l-griehi ta' PS 649 Darren Decelis bhala griehi ta' natura hafifa.

Dottoressa Tatiana Mintoff, a fol 54, ikkonfermat dokument M, u kkonfermat illi hija rat lil Paul Sheehan u kklassifikat il-griehi tieghu bhala griehi ta' natura hafifa.

PC 533 Paul Sheehan, a fol 61 et seq, ikkonferma x-xhieda tal-Pulizija dwar ir-rapporti tat-tfajliet rigwardanti

serq ta’ ‘hand bag’. PC 533 ikkonferma illi huwa u PS Decelis grew wara l-imputat sakemm arrestawh u lahquh f’Pender Place, San Giljan u osservawh jarmi cwievet. PC 533 ikkonferma illi kif waslu biex jarrestaw lill-imputat, kien qala’ daqqa ta’ sieq ghaliex l-imputat beda jissara sakemm gie arrestat u li wara dan, l-imputat gie mehud l-ghassa tal-Pulizija ta’ San Giljan.

PS 649 Darren Decelis ikkonferma li kien hemm xi tfajliet li kienu nfurmawhom b’serq tal-‘hand bag’ taghhom u li ghaldaqstant, hu mar bil-vettura taghhom fejn Pender Place. PS 649 indika lill-imputat prezenti fl-awla bhala l-persuna li telqet tigri u pruvat tahrab. PS 649 xehed li meta marru biex jimmanettjawh, l-imputat hebb ghall-Pulizija (ara xhieda a fol 65 et seq).

PS 649 Decelis xehed, a fol 67 u 68, illi huwa meta kien qed jigri wara l-imputat, rah jarmi ‘mobile’. PS 649 xehed illi wara ghamlu tfittxija, sabu l-‘mobile’ Motorola u li t-tfajla kienet gharfitu bhala taghha. Decelis ikkonferma illi wiehed mill-kollegi tieghu qala’ daqqa ta’ sieq minghand l-imputat u li anke hu gie mwegga’ fil-process illi kien qed jipprova jimmanettja lill-imputat.

Minn naha tieghu, l-imputat a fol 71, xehed illi dak il-lejl huwa kien hareg ma’ siehbu jismu Wazdi u hemmhekk marru jduru l-hwienet tax-xorb ta’ San Giljan. Xehed li kien iltaqa’ ma’ certu Mohtir u Zijad. Huwa stqarr illi Zijad kellu xi cwievet u li huwa biex jiccajta mieghu kien ha dawn ic-cwievet. Minnufih, kienu gew xi tfajliet jghajjtu ghall-istess cwievet u Zijad qallu biex jahrab. It-tfajliet bdew jghajjtu ghall-Pulizija, l-imputat beza’ u harab. In segwitu, giet il-karozza tal-Pulizija.

L-imputat kompja jixhed illi fuq il-persuna tieghu kellu c-cwievet tal-post tieghu flimkien ma’ xi flus tieghu, apparti dan ma kellu xejn iktar. L-imputat xehed illi huwa kien fis-sakra dak il-lejl, u nnega li rema’ xi affarijiet waqt li kien qed jahrab minn fuq il-post. L-imputat xehed illi huwa harab minn fuq il-post meta ra lill-Pulizija stante li huwa ma kellux passaport fuqu ghax kien tilfu, wisq anqas il-Visa mehtiega. Dwar Zijad, huwa xehed illi l-uniku haga li

jaf dwaru kien il-fatt li kien minn Tripli, **u li x'aktarx jghix Ghawdex**. L-imputat innega illi huwa kellu xi 'hand bag' jew xi affarijiet ohra mill-kontenut ta' dan il-'hand bag' f'idejh (ara xhieda a fol 73). Huwa nsista li rema' c-cwievet biss.

**L-imputat, a fol 75, jghid illi Wazdi, Zijad u Mohtir kienu jghixu f'Bugibba**. L-imputat ukoll jinnega li huwa wegga' lil xi Pulizija u jghid illi l-Pulizija kienu zammewlu jdejh mill-ewwel u tefghuh mal-art u ghaldaqstant ma seta' jaghmel propju xejn.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda fuq prodotta, huwa evidenti illi l-kontenut tal-'hand bag' misruq, (il-'hand bag' propjeta' ta' Lindsey Gambin), gie misjub fil-pussess tal-imputat f'temp ta' ghaxar minuti mill-mument illi gie misruq. Huwa difficli ghalhekk biex wiehed jimmagina pussess aktar recenti minn dan li ghandna in ezami. Kif jghid tajjeb Cross and Tapper fil-ktieb tieghu On Evidence, 8th Edition:

*'If someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen…where the only evidence is that the defendant on the charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief:*
*(a) if he offers no explanation to account for his possession, or*
*(b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue.' (ara f'pagna 35).*

Rigwardanti r-'recent possession', l-istess awturi, Sir Rupert Cross u Colin Tapper jghidu s-segwenti:

*'It goes without saying that what constitutes recent possession within the meaning of the above doctrine is a question of fact depending on the circumstances of the*

*particular case (ara R vs Marcus 1923 17 Criminal Appellant Court at page 191), but it must be emphasized that even if no explanation is given by the handler 'The Jury are entitled but not compelled to convict' (vide R vs Cohen [1951] 1KB505 at page 508 per Lord Goddard).'*

Din id-dottrina giet akkolta mill-Qrati ta' Malta f'diversi sentenzi, kemm mill-Qrati tal-Magistrati kif ukoll mill-Appell Kriminali, kif jidher, Il-Pulizija vs Joseph Sharfield, deciza mill-Qrati tal-Magistrati fl-14 ta' Dicembru 2005, u Il-Pulizija vs Emanuel Seisun u Pius sive Pio Micallef, deciza fit-28 t'Awissu 1998.

Illi fil-kaz in ezami, l-imputat ta spjegazzjoni illi fil-fehma ta' din il-Qorti ma ghandhiex mis-sewwa. L-imputat jghid illi huwa kien qed jiehu 'drink' ma' shabu, meta wiehed minn shabu ghaddielu mazz cwievet. F'dan il-mument, hargu t-tfajliet u bdew jghajjtu ghall-Pulizija u huwa telaq jigri ghaliex kellu problema bil-passaport.

Din il-Qorti ma ssib ebda kredibilita' fit-testimonjanza tal-imputat. Dan qieghed jinghad ghaliex ebda nformazzjoni (ghajr wahda konfliggenti) jew xi partikolaritajiet ohra ma giet mghoddija lill-Pulizija dwar dawn il-cosi detti hbieb. In oltre, l-evidenza tat-tfajliet fix-xhieda kollha f'dan il-kaz turi li kien **l-imputat li kien qed jipprova jghaddi c-cwievet lil haddiehor**, u di piu', l-imputat waqt li kien qed jigri u jipprova jahrab mill-Pulizija, beda jarmi mhux sett cwievet kif sostna hu, imma rema' c-cavetta tal-karozza ta' Aaron Zammit, rema' wkoll l-oggetti tal-'make up' ta' Lindsey Gambin u **b'mod specjali, rema' l-'mobile' tal-marka Motorola** waqt illi kien qed jahrab mill-Pulizija. **Fuq dawn l-affarijiet, l-imputat jaghzel selettivament li ma jaghti l-ebda spjegazzjoni**.

Apparti dan kollu, ix-xhieda tat-tfajliet turi illi kien l-imputat filfatt li kien ilu jizfen ghal sighat konsiderevoli fil-'club' Going Places, kien qed idur vicin ta' fejn kien hemm il-hwejjeg personali tal-kwerelanti.

Illi apparti dan, il-mod kif l-imputat imbaghad ipprova jirrezisti l-arrest u l-mod kif sahansitra aggredixxa u

attakka billi ta bis-sieq lill-Pulizija, juri bic-car illi l-imputat ried akkost ta' kollox jahrab mill-Pulizija, u dan certament ma kienx a kawza tal-problema dwar il-passaport tieghu.

Illi l-attakk u r-rezistenza fuq il-Pulizija u l-griehi ta' natura hafifa, kemm fuq il-membri tal-Pulizija kif ukoll fuq Aaron Zammit, gew sodisfacjentement ippruvati skond il-ligi u gew ukoll korraborati permezz ta' certifikati medici li gew awtentikati u kkonfermati mit-tobba illi rrilaxxawhom.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza, b'assorbiment tat-tieni akkuza, hati tat-tielet akkuza u tar-raba' akkuza b'assorbiment tal-hames akkuza, hati tas-sitt akkuza b'assorbiment tas-seba' akkuza, u wara li rat l-Artikli 261, 270, 281, 95, 96 u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija li minnha jrid jitnaqqas iz-zmien li huwa ghadda f'arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------